MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' April, 2015

Mandat Numru. 537/2015/1

Joe **SAYDON**, Shaun Mifsud, Sue Bonavia, Peter Calleja, Joe Gatt, Carmelo Gatt, Raphael Scerri, Mario Sammut, Paul Bonello

vs

Hon. Joseph **MUSCAT** Prim Ministru, Hon. Chris Cardona Ministru tal-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar u Hon. Roderick Galdes Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta' Marzu, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti żżomm lill-intimati milli "ma jżommux lill-esponenti milli joperaw bħala Pitkala u ma jirrifjutawx il-

pagamenti u l-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-liċenzji tagħhom li ilhom igawdu għal għexieren ta’ snin”;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta’ Marzu, 2015, li bih laqgħet provviżorjament it-talba għall-finijiet tal-artikolu 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ għall-10 ta’ April, 2015;

Rat ir-rikors imressaq mill-intimati fit-2 ta’ April, 2015, li bih u wara li talbu l-Qorti tawtorizza l-ftuħ tar-reġistru, talbu wkoll għar-raġunijiet hemm imfissra, li l-Qorti jogħġobha ġġib is-smigħ tar-rikors’il quddiem għal data aktar fil-qrib;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta’ April, 2015, li bih laqgħet it-talbiet tal-intimati u qiegħdet is-smigħ għas-7 ta’ April, 2015, u ordnat in-notifiki meħtieġa;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-2 ta’ April, 2015, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi qalu li ma jeżistux ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat u dan fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-liġi fis-seħħ dwar il-kategorija tal-pitkala li tgħodd għar-rikorrenti u li huma jagħmlu parti minnha. Jgħidu li r-rikorrenti naqsu li jħarsu l-imsemmija dispożizzjonijiet u ma jistgħux jeħilsu milli jħarsuhom billi jmexxu ’l quddiem proċedura għall-ħruġ ta’ Mandat bħal dan;

Semgħet id-dikjarazzjoni tar-rappreżentant tal-intimati waqt is-smigħ tas-7 ta’ April, 2015, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Semgħet il-provi mressqa mill-partijiet;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta’ April, 2015, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti qegħdin jitolbu biex l-intimati, jew min ikun minnhom, la jirrifjuta li jaċċetta l-ħlasijiet li l-istess rikorrenti jridu joffrulhom u lanqas ma jirrifjuta li jġeddilhom il-liċenzi tagħhom biex jaħdmu bħala pitkala, kif ilhom jagħmlu lkoll għal għadd ta' snin;

Tqis li r-rikorrenti jagħmlu parti minn sittax-il (16) pitkal liċenzjati u reġistrati mal-awtoritajiet, li minnhom għaxar (10) pitkala ngħaqdu f'assoċjazzjoni[1];

Tqis li l-kategorija tal-pitkala hija regolata mid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Bejgħ tal-Prodotti tal-Biedja[2], maħruġin taħt l-Att tal-1947 dwar il-Provvisti u s-Servizzi (Kap 117);

Tqis li, matul l-2014, id-Dipartiment tal-Biedja u Sajd qatagħha li, minħabba li kien għalaq l-arranġament ma' bank lokali dwar il-ġbir tal-flus dovuti lill-bdiewa li jieħdu l-biegħa tagħhom għand il-pitkala, il-ħlas lill-bdiewa ried jibda jsir u jkun garantit mill-pitkala[3];

Tqis li f'Novembru tal-2014, issejħet laqgħa mid-Dipartiment lill-pitkala li matulha tfissrulhom l-arranġamenti l-ġodda li kienu ser jidħlu fis-seħħ[4]. Il-laqgħa nżammet fis-26 ta' Novembru, 2014 u nżammet rassenja ta' min kien attenda[5];

Tqis li fis-suppliment mal-ħarġa tat-30 ta' Diċembru, 2014, tal-Gażżetta tal-Gvern, ħareġ l-Avviż Legali 472 tal-2014[6] li jemenda r-Regolamenti fuq imsemmija u li stabilixxa li, b'seħħ mill-31 ta' Marzu, 2015, biex pitkal jista' jġedded il-liċenza tiegħu ħalli jaħdem ta' pitkal, irid iressaq garanzija bankarja ta' daqs għaxra fil-mija (10%) tad-dħul mill-bejgħ li dak il-pitkal ikun għamel minn prodotti tal-biedja matul is-sena ta' qabel ma jressaq it-talba għat-tiġdid tal-liċenza[7]. Din il-kundizzjoni saret tgħodd ukoll għal kull min jitħajjar japplika għall-ħruġ ta' liċenza ġdida. In-nuqqas ta' tressiq tal-imsemmija garanzija jwassal għan-nuqqas ta' tiġdid tal-liċenza jew għaċ-ċaħda tal-għoti ta' liċenza ġdida, skond il-każ;

Tqis li filwaqt li wħud mill-pitkala wettqu l-imsemmija kundizzjoni, r-rikorrenti m'għamluhx u wħud minnhom jgħidu li mhumiex f'qagħda li jagħmluh;

---

[1] Xhieda ta' Paul Bonello 7.4.2015, f'paġ. xx tal-atti
[2] N.G. 360 tal-1952 kif emendata (L.S. 117.04)
[3] Xhieda ta' Dr. Mario Spiteri 7.4.2015, f'paġġ. XX tal-atti
[4] Dok "AC2", f'paġ. 22A tal-atti
[5] Dok f'paġ. 22B tal-atti
[6] Dok "AC1", f'paġġ. 21 – 2 tal-atti
[7] Regg. 5(3) u 15 tan-N.G. 360/1952

Tqis li fid-19 ta' Frar, 2015[8], id-Dipartiment kiteb lil kull wieħed mill-pitkala biex ifakkarhom fuq il-ħtieġa tal-kundizzjoni tal-għoti tal-garanzija bankarja, filwaqt li fl-20 ta' Marzu, 2015, fakkarhom bil-miktub dwar it-tiġdid tal-liċenza;

Tqis li, fit-30 ta' Marzu, 2015[9], dakinhar li tressaq dan ir-rikors, ir-rikorrenti ġabru petizzjoni bil-firem tal-bdiewa li jħottu l-biegħa għandhom li fiha talbu li l-pitkala jitħallew joperaw kif kienu qabel;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat[10];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[11]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[12];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[13]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta'

[8] Dok "MS2", f'paġġ. 71 – 2 tal-atti
[9] Dokti "PBA" sa "PBĦ", f'paġġ. 33 sa 65 tal-atti
[10] Art. 873(1) tal-Kap 12
[11] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[12] Art. 875(3) tal-Kap 12
[13] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

Inibizzjoni tintlaqa’, ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża’ r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li għar-rigward tal-ħtieġa partikolari maħsuba fl-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, dan l-element huwa soddisfatt fid-dawl tad-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ mir-rappreżentant tal-intimati;

Tqis li l-jedd *prima facie* li fuqu jistrieħu r-rikorrenti huwa dak li l-bdil tal-kundizzjonijiet għat-tiġdid ta’ liċenza għall-pitkala jew għall-ħruġ ta’ liċenza ġdida (jiġifieri, iż-żieda tal-kundizzjoni tal-għoti tal-garanzija bankarja) sar lil hinn mis-setgħat li l-liġi tagħti għal bidliet bħal dawk. Huma jilmintaw ukoll mill-fatt li ma kinux ġew konsultati dwar il-bidliet qabel dawn iddaħħlu;

Tqis li, waqt it-trattazzjoni tar-rikors, l-għaref difensur tar-rikorrenti żied jgħid ukoll li l-jedd “*prima facie*” li jeħtieġ jitħares hu l-fatt li, l-liġi kif inbidlet saret kontradittorja mal-funzjoni essenzjali u tradizzjonali tal-pitkal bħala l-persuna li "tissinkronizza” s-suq bejn il-bidwi u l-konsumatur u dan billi l-liġi kif saret qiegħda tibdel dak ir-rwol tal-pitkal għal wieħed ta’ bejjiegħ, kif qatt ma kien;

Tqis fl-ewwel lok il-kwestjoni dwar jekk il-Ministru intimat kellux is-setgħa (il-“*vires*”) li jippubblika r-Regolament 472 tal-2014 ma hix kwestjoni li tidher mad-daqqa ta’ għajn u hija kwestjoni li jmissha tkun mistħarrġa fi proċediment fil-mertu, kif ir-rikorrenti tennew li fi ħsiebhom jagħmlu biex jattakkaw il-liġi. F’kull każ, is-setgħa li jsiru regolamenti taħt il-Kap 117 hija stabilita fl-artikolu 3 tal-istess Att;

Tqis ukoll, fit-tieni lok, li l-bidliet fir-Regolamenti ilhom li daħlu fis-seħħ sa minn Diċembru tal-2014, u ladarba l-istess ma ġewx imħassra bil-mod maħsub fil-liġi, jitqiesu li huma fis-seħħ u jiswew sakemm ma jkunux imħassra. Dan ifisser ukoll li meta nbdiet din il-proċedura, l-qagħda legali kienet diġa’ stabilita u li dan il-fatt kien magħruf mir-rikorrenti. Mandat ta’ Inibizzjoni ma jinħariġx fejn il-ħaġa li tkun trid tinżamm milli tiġri tkun fil-fatt ġrat. Minbarra dan, il-Qorti tqis ukoll li essenzjalment it-talba tar-rikorrenti hija waħda fejn qiegħda titlob li żżomm lill-intimati, jew lil min minnhom, milli jimxu mal-liġi;

Tqis ukoll, fit-tielet lok, l-kelma "bejgħ" kemm fl-Att IV tal-1947 (Kap 117) u kif ukoll fir-Regolamenti (L.S. 117.04) għandha tifsira partikolari kif hemm imfissra u din it-tifsira ilha tingħata sa minn żmien qabel ma daħlu l-bidliet fir-Regolamenti bis-saħħa tal-Avviż Legali 472 tal-2014. Għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-imsemmija emendi juru mad-daqqa t'għajn li se' jġibu bidla fir-rwol tal-pitkal kif kien meqjus sa minn dejjem;

Tqis ukoll, fir-raba' lok, li l-mod kif tressqet it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat hija mod kif torbot lill-intimati, jew lil min minnhom, biex jagħmlu xiħaġa (jiġifieri, li tordnalhom li joħorġu l-liċenza mġedda dwar kull wieħed u waħda mir-rikorrenti), filwaqt li l-Mandat ta' Inibizzjoni jista' jintalab biss għal ħaġa "*di non fare*"[14];

Tqis għalhekk, li ma jirriżultax li, mqar mad-daqqa t'għajn, ir-rikorrenti għandhom il-jedd li jippretendu li jistħoqqlu jkunilhom imħares bil-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub;

Tqis li, ladarba jonqos dan l-element kostitutiv għall-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub mir-rikorrenti, ma hux meħtieġ li l-Qorti tgħaddi biex titstħarreġ ukoll l-element l-ieħor tal-ħtieġa għall-ħruġ tiegħu, jew il-kejl tal-preġudizzju li r-rikorrenti jistgħu jġarrbu jekk kemm-il darba t-talba tagħhom ma tintlaqax;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar** ***contrario imperio*** d-degriet tagħha tat-30 ta' Marzu, 2015, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju; u

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

## < Sentenza Finali >

[14] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**

---------------------------------TMIEM---------------------------------